*-ħtieġa o meno li jingħataw raġunijiet għal deċiżjoni amministrattiva*

*-attur marbut bil-kawżali magħmula minnu stess*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 3 ta' Ottubru, 2019.**

**Rikors Nru. 339/17 GM**

**Dr. Kristina Vella B. Psy (Hons), MSc, PhD, DCLINPSY**

**(KI 349680 M)**

**vs**

**Il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi ppreżentat fit-18 ta' April 2017, li permezz tiegħu, abbażi tas-segwenti premessi:

1. Hi gradwata tal-psikoloġija u l-kwalifiċi tagħha jinkludu B. Psy (Hons) (Melit), MSc in Rehabilitation Psychology (Neurorehabilitation)

(University of Nottingħam) u PhD in applied psychology (Neuropsychology) (University of Nottingħam) u dawn il- kwalifiċi huma lkoll rikonoxxuti f' Malta.

2. Intavolat applikazzjoni quddiem il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija sabiex a tenur ta' artikolu 6 tal-Kap 471 tal-liġijiet ta' Malta l-istess bord jirrakomanda lill-ministru sabiex jinħarġilha *warrant* sabiex tippratika l-professjoni ta' psikoloġija fil-qasam ta' *neuropsychology* f' Malta;
3. Presenzjalment (recte: Preżentement) u ironikament, l-esponenti hija *full time resident lecturer* fl-Universita` ta' Malta fejn tgħallem *neuropsychology* lil studenti kemm f'livell ta' *undergraduates* u f' livell ta' masters. Dan ix-xogħol jinkludi wkoll superviżjoni ta' teżijiet tal- istess studenti fil-qasam ta' l-esponenti ċjoe`, *neuropsychology.*
4. Permezz ta' *email* datata 24 ta' Ottubru 2016, l-esponenti ġiet mgħarrfa mill-bord li t- talba tagħha ma tistax tiġi akkolta peress illi l-kwalifiċi li għandha ma jissodifawx il- kwesit minimu ta' 120 ECT's (dok A anness). Dana mingħajr ma bagħtu għall-esponenti u mingħajr ma ngħatat spjegazzjoni u motivazzjoni ta' dak deċiż skond id- dispost ta' artikolu 7 tal-Kap 471 tal- liġijiet ta' Malta.
5. L-esponenti tħoss li l-bord fid-delibarazzjonijiet u l-konstatazzjonijiet li għamel naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-egħmil tiegħu jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dan l-egħmil.
6. L-esponenti ma għandha l- ebda rimedju ieħor fil-liġi.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi bord dwar il-professjoni tal-psikoloġija meta ma rrakomandax illi jinħareġ warrant lill-esponenti naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji.

2. Tiddikjara illi l-esponenti tikkwalifika sabiex tottjeni warrant sabiex tippratika l-professjoni ta' psikoloġija fil-qasam ta' *neuropsychology* f'Malta.

3. Tordna lill-bord intimat sabiex jirrakomanda lill-ministru sabiex jinħareġ il-warranti lill-esponenti u dana fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi stabbilit minn din l-onorabbli qorti.

Rat ir-Risposta Maħlufa imressqa mill-konvenut fit-22 ta' Mejju 2017 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Preliminarjament l-attriċi għandha tispeċifika liema huma eżattament l-artikoli tal-liġi li fuqhom qed tibbaża l- azzjoni odjerna u dan anki għaliex l-intimat qed ikun preġudikat meta jrid jissottometti eċċezzjonijiet għal azzjoni li ma hiex identifikata. Għalkemm fir-rikors promotur issir referenza għal-lingwaġġ u termini li ġeneralment jintużaw f'azzjonijiet dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv (469 A tal-kap 12), l-esponenti huwa tal-umli fehma li l-attriċi għandha għall-inqas tindika wkoll taħt liema subinċiż tal-Artikolu 469A qed tressaq l-ilment tagħha u għalhekk jirriserva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.
2. Fil-mertu u bla preġudizzju għas-suespost jingħad li l-allegazzjonijiet ta' l-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet;
3. Għalkemm l-attriċi qed tfittex dikjarazzjoni ġudizzjarja fis-sens li l- għemil amministrattiv inwettaq mill-bord sar bi ksur tal-prinċipji tal- ġustizzja naturali u bin-nuqqas ta' ħarsien tal-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' għemil amministrattiv waqt id-deliberazzjoni tiegħu, mkien l-attriċi ma semmi liema prinċipji tal-ġustizzja naturali ġew allegatament imxellfa jew liema kienu dawk il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji li ma ġewx segwiti.
4. Mingħajr preġudizzju jiġi rilevat li fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur l-attriċi tiddikjara li hija għandha is-segwenti kwalifiċi 1) B. Psy

(hons)(Melit), 2) MSc in rehabilitation psychology (neurorehabilitation)(University of Nottingħam) u 3) PhD in applied psychology (neuropsychology)(University of Nottingħam). L-esponent jiddikjara li din d- dikjarazzjoni hija qarrieqa u intiża biex tiżvija lil-partijiet fil- kawża. Ma huwa xejn minnu li l-attriċi għandha l-applied psychology (neuropsychology). Kif ser jiġi ppruvat fil- kors ta' din il-kawża, ċ-ċertifikati relattivi għal dawn il-kwalifiċi bl-ebda mod ma jindikaw li l-attriċi għandha degree fil-neurorehabilitation jew fil-neuropsychology. Li persuna ikollha MSc in rehabilitation psychology huwa differenti minn MSc in neurorehabilitation u bl-istess mod il-fatt li jkollok PhD in applied psychology mhuwuex l-istess għal-PhD in neuropsychology.

5. Illi l-intimat jirrivela ukoll li l-għoti tal-warrants f'Malta huwa regolat bl-liġi u ċjoe` bil-Kap 471 tal- liġijiet ta' Malta. Din il-leġislazzjoni tipprovdi għal numru ta' kriterji u rekwiżiti li persuna għandha ikollha sabiex tikseb dan il- warrant. L-imsemmi bord huwa obbligat bil-liġi li jħares u japplika skrupolozament din il- liġi partikolari fl-evalwazzjoni li jagħmel meta persuna tapplika sabiex tingħata dan il-warrant. Issir referenza għas-subartikolu 3 tal-artikolu 3 li jgħid is- segwenti:

   Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-att dwar ir- rikonoxximent reċiporku ta' kwalifiki u regolamenti magħmula taħt l- istess Att, persuna ma tikkwalifikax għal warrant kemm-il darba dik il- persuna-

   a) ma tkunx ċittadin ta' Malta, jew xort' oħra jkollha permess biex taħdem f' Malta taħt xi liġi; u

   b) ma tkunx kondotta tajba; u

   ċ) ma tkunx kisbet grad fil- livell ta' Masters fil- psikoloġija mill-università ta' Malta jew xi kwalifika professjonali oħra li l- bord jidhirlu li tkun ekwivalenti; u

d) ma tissodisfax lill- bord li jkollha esperjenza adegwata fil- prattika tal-professjoni tal- psikoloġija għal żmien aggregat ta' mill- anqas sentejn fuq bażi full- time jew l- ekwivalenti ta' dak iż- żmien fuq bażi part- time wara li tkun spiċċat dak il- grad jew kwalifika professjonali oħra taħt is-sorveljanza ta' psikologu reġistrat.

6. L-artikolu 3(3) jagħmilha ċara li biex persuna tikkwalifika għall-warrant għandha neċessajament tissodisfa dawn il-kriterji kollha inkluż li tkun kisbet il- kwalifika ta' Masters fil- psikoloġija mill- Università ta' Malta jew kwalifika professjonali oħra li l- bord jidhirlu li tkun ekwivalenti. Hija fid- diskrezzjoni tal- bord li jiddeċiedi jekk effettivament kwalifika hijiex kwalifika professjonali jew le u jekk għandux jaċċettaha. Fil- każ odjern l-attriċi la għandha masters fil-psikoloġija mill-Università ta' Malta u lanqas kwalifika professjonali oħra li l-bord jidhirlu li hija ekwivalenti u għalhekk ma tissodisfax dan il-kriterju stabbilit mil- liġi. Galadarba l-attriċi m'għandhiex din il-kwalifika mela allura l- konsegwenza naturali ta' din hija li hi ma tikkwalifikax għal-warrant ta' psikologa. Dan il-kriterju huwa wieħed oġġettiv u mhux suġġett għal- ebda interpretazzjoni soġġettiva tal-partijiet.
7. L argument tal- attriċi jidher li huwa jbbażat fuq il-premessa żbaljata li d-diversi kwalifiċi li kisbet għandhom iwasslu sabiex hi tkun kwalifikata sabiex tingħata dan il- warrant. B'kull dovut rispett dan l-argument huwa wieħed fallaċi għall- aħħar. L-intimat jisħaq li għal dak li jirrigwada l- MSc mill-Università ta' Nottingħam għalkemm din il-kwalifika hija Masters pero` ma tissodisfax l-ammont ta' 120 european credit transfer and accumulation system għaliex dan il-kors fil-verità iġorr biss 90 ECTS. Mela allura din il-kwalifika waħedha m'hijiex biżżejjed sabiex il- kriterju imsemmi fl- artikolu 3(3)(c) ikun sodisfatt. Dwar il- PhD in Applied Psychology anke hawnhekk jingħad li l- liġi fl- ebda ħin u fl- ebda mument ma tgħid li biex persuna tikseb il- warrant ta' psikoloġija f' Malta għandha

bżonn PhD. Il- liġi ssemmi masters fil- psikoloġija jew kwalifika professjonali oħra li l-bord jidhirlu li hija ekwivalenti. Għalkemm l- attriċi għandha il-kwalifika ta' PhD xorta jibqa' li din m'hijiex kwalifika professjonali.

8. Il- kwalifiċi kollha ssemmi l-attriċi fir-rikors tagħha u ċioe' 1) B.psy (Hons)(Melit.), 2)MSc. In rehabilitation psychology (Neurorehabilitation)(University of Nottingħam) u 3) PhD in Applied Psychology (Neuropsychology)(University of Nottingħam) m'humiex ikkunsidrati bħala kwalifiċi professjonali.

9. Illi l- fatt li l-attriċi hija lecturer l-Universita' ta' Malta u tgħallem fin-neuropsychology ma jfissirx li allura hija għandha xi dritt li tingħata l-warrant ta' psikologa. Fuq kollox hija l-Universita ta' Malta li tiddeċiedi x'lecturers timpjega u huwa fatt magħruf li mhux kull lecturer fl-Universita' ta' Malta huwa wkoll warranted biex jippratika professjoni partikolari.

10. Illi l-attriċi hija skorretta wkoll meta fir- 4 paragrafu tar- rikors promotur tagħmel referenza għal- artikolu 7 tal- kap 417. Jingħad li l- artikolu 7 ma japplikax għal-każ odjern għaliex il-bord qatt ma seta' jagħmel rakommandazzjoni lill-Ministru sabiex l-attriċi tingħata l-warrant. Sabiex il-bord jagħmel din ir-rakommandazzjoni irid qabel xejn ikun sodisfatt li l-applikant issottometta id-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikati kollha pero` fil-każ in diżamina jirriżulta li Dr. Vella ma ssodisfatx ir-rekwiżiti kollha tal-liġi.

11. Illi l-attriċi tgħid ukoll li l-bord allegatament ma bagħtx jinformaha bid-deċiżjoni tiegħu. Din hija allegazzjoni mill-iktar inġusta. Qabel xejn, l-email li ġiet mehmuża mar-rikors promotur datata 24 ta' Ottubru 2016 turi biċ-ċar li l-bord informa lill-attriċi li degree MSc. In rehabilitation psychology m'huwiex biżżejjed sabiex tingħata l-warrant. Din id-deċiżjoni hija riflessa wkoll fil-minuti tal-laqgħa li kellu l- bord nhar it- 13

ta' Ottubru 2016 (anness u mmarkat bħala dok MPPB). Mhux hekk biss, kif juru l-minuti tal-laqgħa tal-bord tad-19 ta' Mejju 2016 (Dok MPPB 1), l- attriċi attendiet il-laqgħa u ingħatat l-opportunita` tispjega l- każ tagħha.

12. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost ma jirrikorri ebda mala fede fl-eċċepjenti fit- termini tal-Art. 469 A (5) tal-kap. 12 li b' xi mod jesponih għar-respnsabbilta` ċivili għad-danni.

13. Illi t-talbiet tar-rikorrenti numru 2 u 3 imorru oltre is-setgħet ta' dina l-onorabbli qorti u għalhekk it-talbiet kollha għandhom jiġu miċħuda.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti essenzjali huma dawn: L-attriċi applikat quddiem Il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta għall-*warrant* sabiex tippratika l-professjoni ta' psikoloġija fil-qasam ta' *neuropsychology* f'Malta. Permezz ta' *email* tal-24 t'Ottubru 2016, is-Segretarja tal-Bord infurmatha li "*The Malta Psychology Profession Board discussed your application and documents presented. As it stands your MSc in Rehab Psychology does not satisfy the minimum requirement of 120 ECT's. In view of this the Board is not able to recommend you for warranting in Neuropsychology*";

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, ta' indoli preliminari, il-konvenut jeċċepixxi li l-attriċi għandha tispeċifika liema huma eżattament l-artikoli tal-liġi li fuqhom qed tibbaża l-azzjoni odjerna u dan anki għaliex l-intimat qed ikun preġudikat meta jrid jissottometti eċċezzjonijiet għal azzjoni li ma hiex identifikata. Issa fis-sistema proċesswali tagħna, m'hemm l-ebda formola riġida, formalistika, jew sagramentali dwar kif għandhom isiru t-talbiet. Wisq inqas hu meħtieġ li tiġi

ċċitata xi norma speċifika li fuqha l-attur ikun qiegħed jibbaża t-talba tiegħu, għalkemm f'xi okkażjonijiet dan jgħin biex tiġi ċċarata l-bażi tat-talba. B'danakollu, kull ma jesiġi l-leġislatur huwa li t-talbiet ikunu ċari. Permezz tal-ewwel talba, l-attriċi qiegħdha titlob dikjarazzjoni li l-konvenut "naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji". Minn dan il-kliem, huwa ovvju li l-attriċi qiegħda sserraħ fuq Art. 469A(1)(b)(ii) li jaqra hekk:

> **"**Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal- ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:
>
> -omissis-
>
> "(*b*) meta l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:
>
> –omissis-
>
> "(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil";

Illi tant hija ċara l-bażi tat-talba tal-attriċi, li l-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tiegħu wara li ngħalaq l-istadju tal-provi, afferma li din il-kawża hija bbażata fuq l-Art. 469A(1)(b)(ii), tant li lmenta li waqt is-smiegħ tal-provi u waqt it-trattazzjoni aħħarija, l-attriċi ċaqalqet il-lasti u bdiet tibbaża t-talba tagħha wkoll abbażi tan-nuqqas ta' raġonevolezza, li hija kkontemplata f'norma differenti, ċjoe` l-Art. 469A(1)(b)(iii):

> " meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti";

Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni hija bla bażi u sejra tiġi skartata;

Illi min-naħa l-oħra, daqshekk ieħor sejra tiġi skartata il-linja ta' attakk li addottat l-attriċi abbażi ta' allegat nuqqas ta' raġonevolezza. Kieku kellha tagħmel hekk, il-Qorti kienet tippekka hija stess mill-istess nuqqas tal-*ultra vires* li qiegħdha tiġi msejjħa biex tissoprimi permezz ta' din il-kawża. Huwa notorju li l-attur irid jiddeċiedi, fil-bidu nett tal-kawża, ma' liema arblu jkun sejjer jorbot il-bandiera tiegħu. U meta jibbaża ruħu fuq kawżali partikolari, il-Qorti ma tistax *marte proprio* tasal għas-sentenza tagħha abbażi ta' xi kawżali oħra. Dan għaliex il-Qorti trid toqgħod rigorożament għal-limiti tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet u almenu per prinċipju dawn il-limiti jistgħu jirriżultaw biss mill-att promotur u mill-eċċezzjonijiet u minn xejn iżjed. Huwa biss quddiem il-Qrati Inferjuri, fejn il-proċeduri huma ta' natura informali u sommarja, li din ir-regola stretta hija skartata. Skont Art. 213 Kap 12:

> **"**Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors":

**Illi kif ingħad in re: Adiana Testaferrata Abela Adriana v Joseph Azzopardi[1]:**

> "Jigi premess qabel xejn illi l-"kawza" ta' domanda hija r-raġuni ġuridika tagħha, ossija l-*fundamentum agenda* tagħha. Ara "**William Leonard -vs- Dr. Francesco Sammut**", Qorti ta' l-Appell, 1 ta' Ottubru 1887. Din, bhala origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett ta' l-att promotur, li huwa "*cio che è attualmente domandato*". Ara "**Negte. Emanuele Scicluna *nomine* -vs- Giovani Xuereb, Registratore**", Appell Kummercjali, 10 ta' Ottubru 1885. Isegwi minn dan illi r-raġuni ġuridika, ossija l-*causa petendi*, hi dik li tiġi mill-parti azzjonanti adottata bhala bazi tal-pretiza avvanzata. **Din s' intendi għandha l-iskop li sservi biex ticcirkoskrivi l-għarfien mill-gudikant tal-miżura preċiża intiża mill-parti. Din biss, u mhux xi kwestjonijiet jew konsegwenzi oħra"[2]**;

[1] **12.07.2007 Qorti tal-Appell sedenti l-Onor. Imħallef Philip Sciberras**

[2] enfażi ta' din il-Qorti

Illi ingħad ukoll in re: Alfred Cini vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et - [3]

> M'huwiex permissibbli għall-attur li filpendenza tal-kawza jibdel il-kawzali u d-domandi li fuqhom ikun ibbaza l-azzjoni tiegħu; "Huwa principju magħruf illi fl-għoti ta' sentenza l-imhallef civili għandu joqgħod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni (Kollez. Vol. XLIX P I p 406). Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni (Kollez. Vol. XXXIV P I p 85). Is-sentenza għalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fiddawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (Kollez. Vol. XLVIII P II p 777)" (**Grobett Holdings Limited vs Steve Abela et** proprio et nomine deciza mill-Qorti ta' lAppell3 fl-10 ta' Ottubru 2005). Sahansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata fid-29 ta' Ottubru 2007 jargumenta li, "…. t-tezi tiegħu mill-bidu nett kienet li rrimedju li jakkordali l-Att ma kienx rimedju li kien effettiv għar-rigward tal-lamentali tiegħu". Il-Qorti ma taqbilx in kwantu miċ-ċitazzjoni hu evidenti li l-ilment ta' l-attur hu l-egħmil amministrattiv";

Illi stabbilit li l-attriċi qiegħdha tibbaża l-azzjoni tagħha abbażi tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji, hija tispeċifika t-tip ta' ksur minnha allegat billi tagħmel riferenza għad-dispost tal-art. 7 tal-Kap 471 li jgħid hekk:

> **"**Il-Bord għandu jikkunsidra u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar applikazzjoni għal *warrant* għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' psikoloġija malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattikkabli, imma f'ebda każ aktar tard minn erba' xhur minn meta jirċievi l-applikazzjoni flimkien mal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti b'sostenn tal-applikazzjoni. Meta jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill- Ministru, il-Bord għandu fl-istess ħin javża lill-applikant bir- rakkomandazzjonijiet tiegħu, **flimkien mal-motivazzjonijiet li fuqhom dawn kienu bbażati.**"

[3] Qorti tal-Maġistrati(Għawdex)Superjuri – per Maġ (illum Onor. Imħallef) Anthony Ellul - 03.12.2007

Illi l-liġi ma tispeċifikax x'inhuma l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-opra klassika **De Smith's Judicial Review**[4] tirrimarka li "*the expression 'natural justice', which is the source from which procedural fairness now flows, has been described as 'one sadly lacking in precision'* u tiċċita lil Lord Justice Ormrod in re: **Norwest Holst Ltd. v Secretary of State for Trade (1978):** " *'natural' adds nothing to justice except perhaps a hint of nostalgia*". B'danakollu, fil-liġi Ngliża dan il-kunċett ġie identifikat maż-żewġ elementi kostituttivi tas-smiegħ xieraq: "(*a) that the parties should be given a proper opportunity to be heard and to this end should be given due notice of the hearing and (b) that a person adjudicating should be disinterested and unbiased".* Il-ġurisprudenza Maltija segwiet din l-interpretazzjoni, u riċentement, partikolarment tramite s-sentenzi mogħtija mill-Onor. Imħallef Philip Sciberras, estendiet dan il-kunċett għall-għoti tar-raġunijiet li fuqhom tkun imsejjsa d-deċiżjoni amministrattiva. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif ippreseduta, il-prinċipju tas-smiegħ xieraq ma jsarrafx dejjem u awtomatikament fil-ħtieġa tal-għoti tar-raġunijiet. Ħafna jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. L-għoti tar-raġunijiet fih il-vantaġġ li jinkoraġixxi l-evaluwazzjoni bir-reqqa tal-kunsiderazzjonijiet involuti, l-eliminazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet estranji, konsistenza fid-deċiżjonijiet, u gwida dwar deċiżjonijiet futuri. Fi kliem ieħor, ineħħi d-dubbji dwar ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni li tant attakkat l-attriċi f'din il-kawża. Fih ukoll żvantaġġi. F'xi każi jipperikola s-sigurta` nazzjonali; f'oħrajn tinkoraġixxi deċiżjonijiet fuq raġunijiet "standard" u riġidi u tiddiskoraġġixxi deċiżjonijiet diffiċli jew kontroversjali;

Illi huwa wkoll problematiku **<u>sa liema livell</u>** għandhom jingħataw ir-raġunijiet. Għal dan ma hemmx riga riġida u xi drabi l-ebda raġuni ma jkun jinħtieġ li tingħata. Id-**De Smith**[5] jgħid li "*it remains difficult to state precisely the standard*

[4] 8th ed., 2018 para 6-010 et seq, paġna 344 et seq.
[5] Op.cit. para 7-105, paġna 449

*of reasoning the Court will demand.* ***Much depends upon the particular circumstances*****";**[6]

Illi minkejja dawn id-diffikultajiet, "*it is nonetheless essential that the courts do not allow the duty to give reasons to atrophy*;[7]

Illi fil-każ preżenti, l-għoti tar-raġunijiet huwa tassattivament ordnat mil-liġi nnifisha. Mhux biss jista' (jew ma jistax) jitqies bħala komponent tal-prinċipju tas-smiegħ xieraq, imma huwa wkoll ħtieġa proċedurali mandatorja;

Illi l-Attriċi tallega[8] li "Permezz ta' *email* datata 24 ta' Ottubru 2016, l- esponenti ġiet mgħarrfa mill-bord li t-talba tagħha ma tistax tiġi akkolta peress illi l-kwalifiċi li għandha ma jissodifawx il-kweżit (recte: rekwiżit) minimu ta' 120 ECT's (dok A anness). Dana mingħajr ma bagħtu għall-esponenti u mingħajr ma ngħatat spjegazzjoni u motivazzjoni ta' dak deċiż skond id-dispost ta' artikolu 7 tal-Kap 471 tal- liġijiet ta' Malta." Issa dmir il-Bord huwa li "javża lill-applikant bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, flimkien mal-motivazzjonijiet li fuqhom dawn kienu bbażati". L-attriċi m'għandhiex raġun tilmenta li l-Bord ma bagħatx għaliha meta ħa d-deċiżjoni; il-liġi ma timponilu l-ebda obbligu ta' din ix-xorta. Lanqas m'għandha raġun tilmenta li ma ngħatax "spjegazzjoni"; għax din ingħatat u kienet tikkonsisti filli hija ma laħqitx il-minimu ta' 120 ECT. Fejn naqas il-Bord hu li **ma tahiex motivazzjoni sufficjenti dwar kif wasal għal din il-konkużjoni**, kif rikjest mil-liġi. Fi kliem ieħor ma ngħatatx spjegazzjoni dwar ir-raġuni l-għala ma ntlaħaqx dan il-minimu. Dan apparti li, kif tammetti membru tal-Bord, kien hemm raġuni oħra li ma ngħatatx lill-attriċi u din kienet in-nuqqas ta' prattika. Il-Bord ta' dawn l-ispjegazzjonijiet fil-Qorti waqt is-smiegħ tal-kawża. B'dana kollu, kien marbut bil-liġi li jagħtihom lill-attriċi flimkien mar-riżultat. *Eppure* f'dak l-istadju naqas li jagħmel dan minkejja li hu marbut mil-

[6] enfasi tal-Qorti
[7] De Smith, op.cit. 7-109
[8] para 4 tar-rikors ġuramentat

liġi u minkejja talba għall-kjarifika minn għadd ta' akkademiċi prominenti fl-istess qasam. Li kieku saret din il-kjarifika, l-attriċi kienet tkun taf fejn hi u possibilment tieħu l-passi meħtieġa biex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha u eventwalment tieħu l-warrant, minflok fetħet din il-kawża;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi

(1) tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li Il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta, fid-deċiżjoni tiegħu tat-13 t'Ottubru 2016 li ma jirrikmandax lill-attriċi biex tingħata l-warrant fin-*neuropsychology,* naqas li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji u konsegwentement tiddikjara d-deċiżjoni tiegħu mingħajr effett.

(2) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet billi dawn imorru lil hinn mill-kompetenza ta' din il-Qorti.

Fiċ-ċirkostanzi, spejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA